REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1825

tat-2 ta' Diċembru 2020

li jemenda l-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fir-rigward ta' miżuri temporanji għall-introduzzjoni jew il-moviment fit-territorju tal-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 40(2) u 41(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([2]), flimkien mal-Anness VI ta' dak ir-Regolament, jipprevedi lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li l-introduzzjoni tagħhom fit-territorju tal-Unjoni hi pprojbita, flimkien mal-pajjiżi terzi, gruppi ta' pajjiżi terzi jew żoni speċifiċi ta' pajjiżi terzi li għalihom tapplika l-projbizzjoni, kif previst fl-Artikolu 40(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031.

(2) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, flimkien mal-Anness VII ta' dak ir-Regolament, jipprevedi lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, li joriġinaw minn pajjiżi terzi, u r-rekwiżiti speċjali korrispondenti għall-introduzzjoni tagħhom fit-territorju tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 41(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031.

(3) Barra minn hekk, l-Artikolu 8(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072, flimkien mal-Anness VIII ta' dak ir-Regolament, jipprevedi lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li joriġinaw mit-territorju tal-Unjoni, u r-rekwiżiti speċjali korrispondenti għall-moviment tagħhom fi ħdan it-territorju tal-Unjoni, kif previst fl-Artikolu 41(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031.

(4) Minn dakinhar li ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ħareġ ċar li, f'ċerti każijiet eċċezzjonali, ċerti atti ta' implimentazzjoni, li jistabbilixxu projbizzjonijiet jew rekwiżiti speċjali temporanji għall-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni, jew il-moviment fi ħdanu, ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra, jeħtieġ li jiġu adottati skont l-Artikoli 28(1), 30(1), 40(2), (41)2, 42(3), 42(4) jew 49(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 biex jiġu indirizzati riskji fitosanitarji speċifiċi, li ma ġewx ivvalutati biżżejjed. Dan jippermetti li r-riskji fitosanitarji indirizzati permezz ta' dawk il-projbizzjonijiet jew rekwiżiti speċjali jiġu vvalutati aktar sabiex jiġi ddeterminat l-istatus fitosanitarju tagħhom.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jipprevedu li l-projbizzjonijiet jew ir-rekwiżiti speċjali rispettivi japplikaw mingħajr preġudizzju għal dawk l-atti.

(6) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jiġi emendat skont dan.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

---

([1]) Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 7, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ewwel paragrafu għandu japplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe att ieħor li jistabbilixxi projbizzjonijiet, ta' natura temporanja, adottati skont l-Artikoli 40(2), 42(3) jew 49(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, u dwar l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra biex jiġu indirizzati riskji fitosanitarji partikolari li għadhom mhumiex ivvalutati bis-sħiħ.";

2. L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ewwel subparagrafu għandu japplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe att ieħor li jistabbilixxi rekwiżiti speċjali, ta' natura temporanja, adottati skont l-Artikoli 41(2), 42(4) jew 49(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, u dwar l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra biex jiġu indirizzati riskji fitosanitarji partikolari li għadhom mhumiex ivvalutati bis-sħiħ.";

(b) fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ewwel subparagrafu għandu japplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe att ieħor li jistabbilixxi rekwiżiti speċjali, ta' natura temporanja, adottati skont l-Artikoli 28(1), 30(1), 41(2), 42(4) jew 49(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, u dwar il-moviment fit-territorju tal-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra biex jiġu indirizzati riskji fitosanitarji partikolari li għadhom mhumiex ivvalutati bis-sħiħ.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN